MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 419/2005

**Michael Ellul ezercitanti n-negozju**
**Code M Systems (ID nru 500870 M)**

**Vs**

**Paul Leone Ganado (ID nru 397260M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm665) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq inkarigu specifiku tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz u ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fis-6 t'Ottubru, 2005 li biha l-attur irriduca l-pretenzjoni tieghu b'mitejn lira Maltin (Lm200) stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zamm ferm il-pretenzjonijiet tieghu fir-rigward tal-bilanc ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465) flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------